Jannar 2016

# Leħen il-Parroċċa
San Franġisk t'Assisi

Qawra Buġibba

110

## Il-Kelma tal-Kappillan

Il-paċi magħkom nies twajba u j'alla jkolkom sena mimlija sliem u ġid. Missierna San Franġisk kien iħobb isellem lin-nies billi jsejħilhom twajba. Mhux isejħilhom biss imma kien jemmen li kull persuna hija tajba għax hi maħluqa minn Alla li Hu 'tjieba, kull tjieba, fuq kull tjieba'.

Għeżież dan nixtieq jien, li aħna nagħrfu dejjem li dawk li ngħixu magħhom, dawk li niltaqgħu magħhom fil-parroċċa, dawk li jgħixu ħdejna fil-Qawra u Buġibba huma twajba. Għalhekk irridu naħdmu biex ineħħu minna kull suspett, ġudizzju, li jista' jkun li aħna ħloqna f'qalbna lejn dawn ħutna.

Aħna lkoll twajbin, u mela le, tgħiduli għandna d-difetti tagħna, imma għandna n-nifs ta' Alla fina, nifs li jnaddafna, nifs li jagħtina l-qawwa, nifs li jimliena bl-imħabba.

"U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja; u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom." (Atti 2: 46).

Ħbieb dan hu l-ideal tagħna: l-ewwel kommunità nisranija. Forsi ngħidu din ħolma, mhux possibli, imma j'alla aħna jkollna dan l-eżempju f'moħħna u f'qalbna u l-ħeġġa u l-fidi li l-Mulej jgħinna fil-mixja parrokkjali tagħna biex inkunu dejjem iżjed Parroċċa għall-qalb ta' Alla u għall-imħabba tal-proxxmu kollu.

*Fr. William Bartolo* OFM Conv.



**1 ta' Jannar**
**Marija Omm Alla**
**Jum il-Paċi**

O Mqaddsa Reġina tal-paċi,
idħol għalina quddiem ibnek
Ġesù, biex jagħtina l-paċi
f'qalbna, għaqda fil-familji
tagħna u ftehim fid-dinja kollha.
Marija ommna mmakulata,
bħala protettriċi ta' pajjiżna,
ħarisa u pproteġina
bl-imħabba ta' ommna.
Ammen

Infaħħrek Mulej mal-ħolqien kollu

## Miġnuna għall-Panna

P. Elija Vella OFM Conv.

Mhux la kemm żewġ għarajjes isiru jafu 'l xulxin. Hemm dejjem x'wieħed isib. U dan l-aħħar Kenneth għamel skoperta: sab li Anna tħossha tistrieħ meta tiekol il-*panna* b'idejha.

Għall-bidu ħasel se jirrabja, imma Anna kienet pronta pronta tgħidlu: "Jew taċċettani kif jien, jew dabbar rasek."

U Kenneth ... ma ħassx li kellu jitlaq lil Anna minħabba l-kilba li kellha għall-*panna*.

Hawn min isib serħan ...

billi jagħmel it-telefonati
jew billi jpaċpaċ fuq in-nies
jew billi jedha jirranġa l-kxaxen
jew billi jiffitta jaħsel il-jum kollu l-karozza.

Kulħadd gostih! Kulħadd għandu xi kamla f'moħħu.

Jien nixtieq nagħmel suġġeriment ta' kif wieħed jista' jsib il-misrieħ b'mod tassew ħafif – u llum ilkoll għandna bżonnu ftit mistrieħ, jekk ma rridux nispiċċaw nibilgħu l-kalmanti. U f'dan il-każ, għażiż Kenneth, aħjar il-*panna*.

Is-suġġeriment tiegħi? Mur inxteħet quddiem l-Ewkaristija.

Qed nesaġera? Qed ngħix fl-arja?

Staqsu lil min dan diġà qed jagħmlu. Staqsu lil tant qlub mitlufa u distrutti, u jgħidulek dak li sabu quddiem il-qawwa ta' Ġesù ħaj, bil-Ġisem u d-Demm tiegħu fl-Ewkaristija.

Sikwit infittxu elf ħaġa li tnessina, isserraħna mill-għeja u traqqadna ... Imma din hi biss il-qoxra.

It-togħma ħelwa tal-*panna* ... malajr tgħaddi. Il-gost li tieħu fuq it-telefon, jew fit-tpaċpiċ, jew filli tirranġa l-kxaxen, jew taħsel il-karozza ... hu ftit ċpar malajr jintemm fix-xejn.

Imma l-qawwa li tieħu mis-Sagrament hi reali. Hi qawwa li tinżel fil-fond, li ssaħħek, tibnik, tagħtik il-forza li tqum u tkompli timxi.

Forsi m'iniex nikkonvinċik, għax għad ma kellekx l-esperjenza ta' dan.

Għandek mnejn għadek medhi ... tiekol il-*panna* jew tirranġa l-kxaxen.

Jaħasra. Qed tmut bil-bard, u dak li jonqsok hu biss li tqum u tmur ħdejn in-nar.



**Magħmudijiet:** Nilqgħuhom fostna bil-ferħ

| | | |
|---|---|---|
| 595 | Noah Micallef | 25/10/2015 |
| 596 | Ariana Faenza | 07/11/2015 |
| 597 | Emily Carter | 21/11/2015 |
| 598 | Jayden Lee Grech | 22/11/2015 |
| 599 | Luke Zarb Cousin | 22/11/2015 |

## Love Without Limits

Hello, and welcome to the New Year! Are you like me? I find the New Year is a good time for clearing out cupboards, getting rid of useless clutter that's only making it hard to get at the things I really want.

If I were trying to do the same for my Christian faith, seeing what's really essential and worth hanging on to, I'd say: My faith is NOT ONLY about MY struggles to pray, MY efforts to lead a better life and love my neighbour and turn the other cheek and go the second mile. My faith IS about the fact that GOD has taken action: he has done everything that was necessary to fetch me back to him. He came to this earth in the person of Jesus and said: "Look, this is what I'm like. Can't you see?" Mixing in close friendship with all kinds of people. Not checking up first on what they believed or what their father did for a living, Love without limits. Serving others as a slave. Washing their smelly feet before supper. Forgiving even those who were nailing him to the cross.



This is the Christian God. God in the everyday situations of life. God closer than breathing. God in everyone we meet. God saying to us: "Whenever you listen to a grieving friend or visit a lonely widow or feed a hungry child, you're doing it for me." You can believe it or not. But a New Year is as good a time as any to give it another hearing. May God bless you, and me, and make himself plain to us in the events of today.

**Dear Lord, even at New Year it can be difficult to see our usual, humdrum life with fresh eyes.**
**Through your Spirit, give me new energy to grasp the transforming message of your love for us, by following the example of Jesus, seeing others as he did, and responding to them in love.** ***Amen.***

| | | |
|---|---|---|
| *For further rending* | John 3:16-17 | God so loved the world... |
| | Matthew 25: 31-40 | ... you did it for me |



**Imwiet:** Agħtihom Mulej il-mistrieħ ta' dejjem

| | | |
|---|---|---|
| 233 | Aaron Lacey | 27/10/2015 |
| 234 | Brian Farrugia | 02/11/2015 |
| 235 | Waltraud Rendate Ladwig | 17/11/2015 |

## Pussess ta' Fr. William Bartolo

Nhar is-Sibt 30 ta' Jannar se jkollna magħna lill-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna biex jippresedi l-quddiesa tas-6:30pm fejn Fr. William Bartolo jingħata l-pussess bħala kappillan tal-parroċċa tagħna Qawra/Buġibba.

Filwaqt li nistienu lil parruċċani biex flimkien niċċelebraw dan l-avveniment, minn qalbna nixtiequ lil Fr. William xogħol fejjiedi fostna.



Cheers to a New Year and another chance for us to get it right.

## Attivitajiet matul Jannar:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-Ġimgħa | 1 | Marija Omm Alla-Jum il-Paċi (Festa Pubblika). | |
| | | | Quddies bħal tal-Ħdud. |
| Il-Ħamis | 7 | 7:00pm | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina fil-knisja. |
| Il-Ġimgħa | 8 | | <u>*L-ewwel Ġimgħa tax-xahar*</u>. |
| | | 8:30am | Pellegrinaġġ għar-Redentur tal-Isla. |
| Il-Ħamis | 21 | 4:30pm | Laqgħa għall-ġenituri (Preċett) fi-Blk Ċ. |
| It-Tnejn | 25 | | <u>*Il-Konverżjoni ta' San Pawl.*</u> |
| | | 5:00pm | Laqgħa għall-ġenituri (Griżma) fi Blk Ċ. |
| Is-Sibt | 30 | 6:30pm | Ċelebrazzjoni ppreseduta mill-Arċisqof Mons. Charles J. Scicluna tal-pussess tal-kappillan Fr. William Bartolo. |

| **Ħinijiet tal-Quddies** | **San Franġisk t'Assisi Qawra** | **San Massimiljanu Kolbe – Buġibba** |
|---|---|---|
| Mit-Tnejn sal-Ġimgħa | 7:30am, 8:30am, 6:30pm. | 8:00am. |
| Is-Sibt | 7:30am, 8:30am, 6:30pm. | 8:00am, 7:00pm. |
| Il-Ħadd | 8:00am, 9:30am, 11:00am, 6:30pm. | 9:00am, 7:00pm. |

**Uffiċċju Parrokkjali:** Triq Annetto Caruana, Qawra SPB 1211
**Tel: 21577088** - email: **frangiskaniqawra@gmail.com**
Web **http://www.qawrachurch.com**

| | | |
|---|---|---|
| **Ħinijiet tal-uffiċċju:** | It-Tnejn u l-Erbgħa | 4:30pm - 6:00pm |
| | Is-Sibt | 9:30am - 11:00am |